

Brussell, 16 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16175/24

COTER 237
COPS 640
RELEX 1506
CT 126

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	16173/24
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiŝiħ tal-konnessjonijiet esterni-interni fil- għlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiŝiħ tal-konnessjonijiet esterni-interni fil-għlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Diċembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-konnessjonijiet esterni-interni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti

Introduzzjoni

1. Il-Kunsill jissottolinja li t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, fil-forom kollha tagħhom u irrispettivament mill-oriġini tagħhom, ikomplu jkunu ta' theddida kbira għas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. F'konformità mal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża tal-2022 approvata mill-Kunsill Ewropew, l-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-2020, u l-Aġenda tal-UE kontra t-Terroriżmu, il-Kunsill jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni soda tiegħu li jipproteġi liċ-ċittadini tal-UE minn theddid bħal dan, jappoġġa u jipproteġi lill-vittmi tat-terroriżmu, u jappoġġa lill-pajjiżi sħab biex ikomplu jipprevjenu u jiġġieldu t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-valuri u l-prinċipji fundamentali tiegħu msejsa fuq id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju u jafferma wkoll li l-uniku rispons sostenibbli għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti huwa wieħed ibbażat fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt, it-trasparenza, ir-responsabbiltà u r-reattività għall-ġeneru. Huwa jtenni li dawn il-valuri u l-prinċipji fundamentali jibqgħu l-pedament tal-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti.

2. Il-Kunsill jenfasizza l-validità dejjiema tal-valutazzjonijiet u l-impenji li saru fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2022 dwar l-indirizzar tad-dimensjoni esterna ta' theddida terroristika u estremista vjolenti dejjem tevolvi. Flimkien mal-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill tal-15 ta' Ġunju 2020, id-19 ta' Ġunju 2017 u d-9 ta' Frar 2015, dawn jikkostitwixxu qafas politiku sod u konsistenti għal impenn Ewropew ambizzjuż fix-xena globali fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti. Il-Kunsill jinnota l-komplementarjetà ta' dan il-qafas mal-politiki tal-UE u tal-Istati Membri dwar l-aspetti interni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, kif jinsabu b'mod partikolari fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar il-protezzjoni tal-Ewropej mit-terroriżmu u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2024 dwar prijoritajiet futuri għat-tiŝiħ tal-isforzi konġunti kontra t-terroriżmu tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.
3. B'referenza għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 u l-10 ta' Ġunju 2011 dwar it-tiŝiħ tar-rabtiet bejn l-aspetti interni u esterni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-Kunsill jinnota li minn dak iż-żmien 'l hawn, it-theddida terroristika u estremista vjolenti saret dejjem aktar diversa u frammentata, kontinwament imsawra mill-ġdid minn fatturi esterni u interni. L-UE u l-Istati Membri tagħha espadew u saħħew b'mod sinifikanti l-għodod għad-dispożizzjoni tagħhom biex jindirizzaw din it-theddida li qed tevolvi b'mod kostanti. B'dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill għandu l-għan li jikkontribwixxi għal politika komprensiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti li tkun kapaċi tindirizza l-aspetti esterni u interni tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti b'mod koordinat u effettiv, filwaqt li timmassimizza s-sinerġiji u l-użu effiċjenti tar-riżorsi.

Theddida terroristika u estremista vjolenti li qed tevolvi b'mod kostanti

4. Il-Kunsill itenni li t-theddida terroristika u estremista vjolenti qed tinbidel kontinwament u għandha impatti kemm diretti kif ukoll indiretti fuq is-sigurtà tal-UE u ċ-ċittadini tagħha. Id-Da'esh, al-Qaeda, u l-affiljati tagħhom jibqgħu l-aktar theddida terroristika prominenti, kemm fl-UE kif ukoll madwar id-dinja. B'mod partikolari, il-Kunsill jinnota bi tħassib kbir il-prominenza dejjem akbar tad-Da'esh tal-Provinċja ta' Khorasan (ISKP), ibbażat fl-Afganistan u preżenti fiż-żoni ġirien tiegħu, inkluż l-Asja Ċentrali, u l-kapaċità dejjem tikber tiegħu li jispira u jwettaq operazzjonijiet esterni, anke fl-Ewropa. Barra minn hekk, it-theddida terroristika fl-Afrika qed tikber, bid-Da'esh, al-Qaeda, l-affiljati tagħhom u atturi mhux statali oħra jisfruttaw il-kunflitti lokali u l-fraġilità soċjali, politika u ekonomika. Ta' tħassib partikolari hija s-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tiddeterjora fis-Saħel, b'effetti kollaterali fuq l-istati kostali tal-Afrika tal-Punent u potenzjalment fuq l-Afrika ta' Fuq. Reġjuni oħra tal-kontinent, bħall-Qarn tal-Afrika, l-Afrika Ċentrali u l-Mozambique, għadhom qed jiffaċċaw żieda fl-attakki kontra persuni ċivili u minoranzi reliġjużi. Il-Kunsill għandu impenn sod għall-ġlieda kontra t-terroriżmu fl-Iraq u s-Sirja u favur il-ħidma tal-Koalizzjoni Globali Kontra d-Da'esh. Il-fażi ta' tranżizzjoni li għaddejjja ta' "Operation Inherent Resolve" għandha tintuża biex jinżammu u jissaħħu l-kisbiet tal-Koalizzjoni, u biex jiġi evitat li jerġa' jqud id-Da'esh.
5. Il-Kunsill jissottolinja t-tħassib tiegħu li l-kriżi li għaddejjja fil-Lvant Nofsani qed tixpruna l-polarizzazzjoni, u b'hekk qed iżżid ir-radikalizzazzjoni u t-theddida terroristika u estremista vjolenti madwar id-dinja. F'dak il-kuntest, il-Kunsill jinnota bi tħassib kbir li l-gruppi terroristiċi u estremisti vjolenti qed jużaw il-kunflitt biex jilħqu udjenzi ġodda, jimmobilizzaw il-fondi, jirradikalizzaw is-sostenituri tagħhom u jinċitaw il-vjolenza.

6. Il-Kunsill itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU. Din l-aggressjoni u l-konsegwenzi tagħha jistgħu jiġu sfruttati wkoll minn gruppi terroristiċi u estremisti vjolenti u ser ikollhom implikazzjonijiet għas-sigurtà fit-tul ferm lil hinn mill-fruntieri ġeografiċi tal-kunflitt.
7. Il-Kunsill jenfasizza li t-theddida li tirriżulta mill-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu tal-lemin qed jiżdiedu, hekk kif l-espansjoni tal-konnessjonijiet tranżnazzjonali bejn gruppi u individwi estremisti vjolenti tal-lemin tirrappreżenta sfida sinifikanti. Barra minn hekk, il-Kunsill jinnota bi tħassib it-tkabbir ta' movimenti estremisti vjolenti kontra s-sistema.
8. Il-Kunsill ifakkar li t-terroristi u l-estremisti vjolenti qed ikomplu jisfruttaw il-mezzi ta' komunikazzjoni u teknoloġiji oħra li jmorru lil hinn mill-fruntieri, għal finijiet ta' finanzjament, propaganda u radikalizzazzjoni, fost l-oħrajn. Barra minn hekk, il-Kunsill jesprimi tħassib dwar finanzjament barrani mhux mixtieq li ġej minn atturi barranin li qed jinfluwenza s-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet reliġjużi fl-UE u fuq skala globali.

It-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-aspetti esterni u interni tar-rispons tal-UE għall-ġlieda kontra t-terroriżmu

9. Il-Kunsill jenfasizza li t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti għandhom jiġu indirizzati permezz ta' approċċ koerenti li jintegra b'mod attiv il-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE u l-azzjonijiet fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni. Filwaqt li jibni fuq il-ħidma ta' suċċess mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE li jittrattaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, il-Kunsill jikkonferma l-impenn tiegħu li jiżviluppa aktar is-sinerġiji, filwaqt li jevita d-duplikazzjoni tar-rwoli u l-kompiti.
10. Il-Kunsill jenfasizza l-valur tat-trawwim ta' fehim kondiviż tal-isfidi li jiffurmaw il-bażi ta' rispons ta' politika effettiv. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol importanti taċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE, li jkompli jappoġġa lill-UE bl-għarfien tas-sitwazzjoni mmexxi mill-intelligence tal-Istati Membri tat-theddid attwali u potenzjali relatat mat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, u jikkontribwixxi wkoll għal fehim mal-UE kollha tar-rabtiet bejn l-aspetti esterni u interni tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti.

11. Il-Kunsill jistieden lill-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (EU CTC), lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli, assistiti mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), f'konformità mal-prerogattivi istituzzjonali tagħhom:

- **Jiżguraw li l-politika, il-leġiżlazzjoni u l-għodod tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti jibqgħu strateġikament koerenti** u adattati għan-natura li qed tevolvi tat-theddida terroristika u estremista vjolenti. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistenna b'interess l-Aġenda l-Ġdida dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti mħabbra mill-Kummissjoni li jmiss.
- **Isaħħu l-impenn multilaterali tal-UE fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u jallinjawh mal-prijoritajiet tas-sigurtà interna tal-UE.** L-oqsma ta' prijorità jinkludu l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, l-iżgurar tas-sigurtà tal-fruntieri, l-indirizzar tat-traffikar illeċitu – b'mod partikolari tal-armi tan-nar – u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kontenut estremist vjolenti online, u l-bini u t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastrutturi kritiċi u l-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi kontra l-attakki terroristiċi. Filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' koordinazzjoni komprensiva fost l-inizjattivi internazzjonali, il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-ħidma fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti man-NU, il-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE, il-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh, in-NATO, il-GCTF u l-istituzzjonijiet ispirati tiegħu (Hedayah, IJJ, GCERF), il-FATF, il-G7, u organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti, kif ukoll mas-settur privat fejn rilevanti, bħal fi ħdan il-GIFCT u Christchurch Call.

- **Jintensifikaw il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ma' pajjiżi terzi kruċjali għas-sigurtà tal-UE**, billi jinvolvu aktar mill-qrib l-aġenziji tal-ġustizzja u l-affarijiet interni tal-UE, fost oħrajn. Għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-pajjiżi kandidati tal-UE u lill-ġirien tagħna tal-Lvant u tan-Nofsinhar. F'dak il-kuntest, ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent tipprovdi opportunità unika biex tiġi evalwata l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti. Din il-kooperazzjoni għandha tiġi intensifikata, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tas-sħab tagħna tal-Balkani tal-Punent. Il-kooperazzjoni mal-Viċinat tan-Nofsinhar u l-inizjattivi mmexxija mill-Afrika tibqa' ta' importanza kbira. Fir-rigward tat-theddida dejjem tikber tal-ISPK, il-Kunsill jirrikonoxxi s-sinifikat tas-sħab tal-Asja Ċentrali tal-UE bħala atturi ewlenin fl-isforzi tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti fir-reġjun. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li tkompli l-ħidma mas-sħab tax-Xlokk tal-Asja fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti.

12. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-mandat tal-EU CTC kif stabbilit mill-Kunsill Ewropew u jistieden lill-EU CTC biex ikompli:

- **Jippromwovi approċċ komprensiv billi jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-isforzi esterni u interni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti**, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli u tal-Kummissjoni, filwaqt li jiżgura li l-ħidma b'rabta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu fl-Unjoni tiġi kkoordinata.
- **Jirrapporta lura regolarment lill-Kunsill dwar il-progress u l-effettività tal-inizjattivi b'rabta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti** b'dimensjonijiet esterni u interni, u jippreżenta rakkomandazzjonijiet ta' politika rilevanti lill-Kunsill.
- **Jagħti segwitu għall-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti.**
- **Isaħħaħ ir-relazzjonijiet fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi**, filwaqt li jiżgura l-konsistenza bejn l-azzjoni esterna u interna ta' CT tal-UE u filwaqt li jqis bis-sħiħ il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli.

13. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, assistita mis-SEAE u bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tas-CTC tal-UE fejn rilevanti:
- **Tkompli tinvesti fi djalogi u konsultazzjonijiet tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu orjentati lejn l-azzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet multilaterali**, filwaqt li tiżgura li dawn jagħtu riżultati tanġibbli dwar kwistjonijiet li jaffettwaw is-sigurtà esterna u interna tal-UE. Li tinżamm u tiżdied il-komplementarjetà mad-djalogi tal-UE dwar il-ġustizzja u l-affarijiet interni hija kruċjali. L-involviment tal-Istati Membri fit-tnejn u s-segwitu tad-djalogi u l-konsultazzjonijiet dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu jwassal għal politika esterna tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu aktar koeżiva u konsistenti, kif muri mill-parteċipazzjoni tal-President tal-Grupp ta' Ħidma COTER fid-djalogi tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.
 - **Tisfrutta l-potenzjal sħiħ tan-Network ta' Esperti tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu/is-Sigurtà**, li wera li huwa komponent ċentrali tas-sett ta' għodod kontra t-terroriżmu tal-UE u tal-Istati Membri tagħha u strument importanti għall-appoġġ tal-iżvilupp tal-politika u l-azzjoni tal-UE b'rabta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu. In-Network għandu jkompli jidentifika l-iżviluppi li għandhom implikazzjonijiet għas-sigurtà interna tal-UE, kif ukoll jikkontribwixxi għall-iprogrammar tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti. Hekk kif it-theddid terroristiku jkompli jevolvi, in-network irid imexxi l-isforzi biex jiġu indirizzati t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti u jkollu skambji frekwenti mal-Istati Membri, kemm fil-livell lokali kif ukoll fil-livell tal-grupp ta' ħidma. Ir-Rappreżentant Għoli ser taqşam regolarment l-informazzjoni miġbura min-network mal-kapitali tal-Istati Membri, inkluż billi tikkondividi rapporti ta' esperti.
 - **Tippromwovi sinerġiji bejn l-attivitajiet tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, id-delegazzjonijiet rilevanti tal-UE, l-esperti tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu/is-sigurtà u l-proġetti ffinanzjati mill-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti.**

- **Tuża bis-sħiħ is-sħubija tal-UE u l-mandat attwali bħala Kopresident tal-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu (GCTF)**, biex tappoġġa l-iżvilupp ta' prattiki tajbin u linji gwida biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà eżistenti, emerġenti u li qed jevolvu f'konformità mal-Viżjoni Strateġika tal-GCTF għad-Deċennju li jmiss, b'mod partikolari biex jiġu appoġġati għodod prattiċi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti fir-rigward ta' theddid li jirrikjedi approċċ komprensiv b'enfasi partikolari fuq il-kontinent Afrikan. Dawn l-azzjonijiet għandhom jitwettqu f'sinerġija ma' formati eżistenti oħra li jitrattaw il-kwistjoni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti.

14. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni:

- **Tippromwovi l-iskambju adegwat ta' informazzjoni dwar it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti bejn l-aġenziji tal-UE responsabbli għall-ġustizzja u l-affarijiet interni u s-sħab fdati**, fil-mandati rispettivi tagħhom u żżomm lill-Istati Membri infurmati.
- **Tgħarraf b'mod annwali dwar proġetti ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet ffinanzjati mill-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti**, biex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jintużaw b'mod effettiv, jiġu evitati d-duplikazzjoni jew id-diskrepanzi fil-finanzjament, u jiġu ffaċilitati l-kontribut u l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri. Il-Kunsill jinkoraġġixxi azzjoni mill-UE u l-Istati Membri tagħha bl-għan li jiżdiedu l-kapaċitajiet rispettivi u konġunti tagħhom, u dawk ta' pajjiżi sħab, biex jindirizzaw it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti. F'dak il-kuntest, il-Kunsill jilqa' t-tneidja taċ-Ċentru ta' Għarfien tal-UE dwar il-Prevenzjoni tar-Radikalizzazzjoni, li ser isaħħaħ l-assistenza tal-UE għall-Istati Membri u pajjiżi terzi ta' prijorità fl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu u jiġġieldu r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti fil-forom kollha tiegħu.
- **Tagħti segwitu għan-negozjati b'suċċess dwar id-definizzjoni legali pan-Ewropea riveduta ta' reat terroristiku** għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu, li għandha tikkontribwixxi għal ċertezza legali akbar u tispira aktar bini ta' normi internazzjonali li huwa kompletament kompatibbli mal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea.

15. Il-Kunsill jenfasizza l-valur tal-isforzi ta' koordinazzjoni nazzjonali bejn il-ministeri u l-aġenziji responsabbli għall-aspetti esterni u interni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, u jistieden lill-Istati Membri biex:
- Jikkontribwixxu għal azzjoni koordinata u koerenti tal-UE b'rabta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu billi jaqsmu informazzjoni dwar il-politiki tagħhom stess fil-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill. Dan jinkludi, fejn xieraq, informazzjoni dwar id-djalogi bilaterali tagħhom dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet multilaterali.
 - Jipprovdu gwida politika f'waqtha għall-impenn bilaterali u multilaterali tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u jaħdmu bis-sħiħ mar-Rappreżentant Għoli fit-tnejn u s-segwitu tad-djalogi tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.
 - Iżidu l-effettività u l-koordinazzjoni tal-programmazzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti billi jaqsmu informazzjoni dwar il-proġetti ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-aħjar Prattiki tagħhom stess, u billi jingħaqdu mal-inizjattivi ta' Tim Ewropa.

16. Il-Kunsill jimpenja ruħu li:

- Ikompli jsaħħaħ l-isforzi ta' koordinazzjoni fil-Kunsill, b'mod partikolari bejn il-korpi preparatorji li jittrattaw it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti bħala parti mill-mandati tagħhom u jesplora sinerġiji ma' gruppi ta' ħidma rilevanti oħra fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni u l-ġustizzja u l-affarijiet interni. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (Aspetti Internazzjonali, COTER) u l-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (TWP) għandhom ikomplu l-prattika tagħhom li jorganizzaw laqgħat konġunti regolari biex jidentifikaw azzjonijiet konkreti li jindirizzaw il-konnessjoni esterna-interna fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti. Il-Kunsill jissottolinja l-valur ta' konsultazzjonijiet konġunti regolari biex tiġi żgurata l-koerenza fost il-gruppi ta' ħidma li jittrattaw miżuri restrittivi marbuta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, filwaqt li tiġi promossa l-kooperazzjoni b'rispett sħiħ għall-mandati rispettivi tagħhom.
- Iżid l-interazzjoni bejn il-COTER u l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), li tippermetti diskussjonijiet strateġiċi u orjentati lejn l-azzjoni li jkopru l-aspetti kollha tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti.
- Jiżgura li l-konnessjoni tal-aspetti esterni u interni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti tibqa' prijorità billi tiġi rieżaminata regolarment l-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet.